MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2013

Numru. 13/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Melvin Demicoli**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Melvin Demicoli ta’ 19-il sena, iben Joseph u Rita nee` Grech, imwieled Pieta` nhar it-12 ta’ Ottubru 1985 u residenti 139, Triq Biccieni, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 509785(M)

Akkuzat talli f’dawn il-gzejjer, matul ix-xahar ta’ Gunju 2005, kif ukoll matul ix-xhur qabel din id-data:

1. Biegh jew xort’ohra traffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala

bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2013, il-partijiet ezentaw lill-Qorti kif presjeduta milli terga' tisma' l-provi li kienu migjuba quddiem il-Qorti, kif diversament presjeduta, sa dakinhar;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-sub-artikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**:

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi l-ewwel kwistjoni li dwarha ser tiddeciedi din il-Qorti tirrigwarda l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija rrilaxxjata mill-imputat.

Fit-trattazzjoni finali taghha, id-difiza ssottomettiet illi skond il-gurisprudenza vigenti, jekk ikun hemm provi ohrajn – apparti l-istqarrija tal-imputat - allura l-Qorti trid tgharbel dawk il-provi u tara kif ser jissarfu. Skond id-difiza, l-akkuza primarja ossia dik ta' traffikar tistrieh esklussivament fuq dak li qal l-imputat fl-istqarrija rilaxxjata minnu. Hawnhekk id-difiza ghamlet referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, deciza mill-Imhallef C. Agius fl-14 ta' Mejju 1987, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Anthony Azzopardi</u>**, liema sentenza giet segwita mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kif presjeduta mill-Imhallef David Scicluna, fil-kaz **<u>Il-Pulizija vs omissis, Josef Agius u</u>**

**Kurt Mizzi**, deciz fid-9 ta' Marzu 2011. Skond l-istess sentenza, issostni d-difiza, wiehed ghandu jikkonsidra l-fattispecji tal-individwu li qed jigi arrestat u cioe` jekk huwiex facli li jkun influwenzabbli o meno. Ghalkemm l-imputat kellu dsatax-il sena u allura ma kienx minorenni, madankollu f'hajtu qatt ma kien gie investigat u qatt ma kien mess mal-pulizija qabel dik l-okkazzjoni. Il-fedina penali tieghu, dakinhar tal-arrest tieghu, kienet wahda netta. Id-difiza tkompli ssostni illi fid-dawl ta' dawn ic-cirkustanzi, u b'mod specjali meta wiehed jaghraf it-trattament da parti tal-Korp tal-Pulizija, l-istat mentali tal-imputat rizultanti wkoll skond l-istess difiza mix-xhieda tal-ahhar xhud tal-prosekuzzjoni u tenut kont li dan kien kaz car fejn l-Ispettur Investigatur ossia l-Ispettur Nadia Lanzon sabiex tipprova taghmel xogholha, marret *overboard*, l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat ghandha tigi skartata. Id-difiza tispjega dan l-ahhar punt fis-sens illi minkejja illi kellha informazzjoni dwar min kien it-traffikant li ssupplixxa lill-imputat bid-droga u minkejja li nizzlet ukoll din l-informazzjoni fir-rapport taghha esebit in atti, mhux talli l-Ispettur Lanzon m'ghamlet xejn dwar l-investigazzjoni tat-traffikant a bazi tal-informazzjoni moghtija mill-imputat, izda l-istess Spettur xliet lill-imputat dwar traffikar.

**Ikkunsidrat:**

Illi d-difiza mhijiex qeghda tikkontesta l-validita` tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat a bazi tan-nuqqas ta' assistenza legali lill-istess imputat qabel ma bdiet l-interrogazzjoni tieghu. Id-difiza qeghda tissottometti izda illi l-imputat, fiz-zmien tal-interrogazzjoni, kien guvni ta' dsatax-il sena li kellu fedina penali netta u ma kienx midhla tal-pulizija jew tal-ambjent li fih saret l-interrogazzjoni tieghu. Issostni illi dawn ic-cirkostanti imbaghad iridu jigu mistharrga fl-isfond tat-trattament li huwa nghata mill-pulizija.

Illi jirrizulta car illi fil-jum li l-imputat irrilaxxja l-istqarrija lill-pulizija ossia fl-1 ta' Lulju 2005, l-istess imputat kellu dsatax-il sena (u kien ser jaghlaq ghoxrin sena f'Ottubru 2005) u l-fedina penali tieghu dakinhar kienet wahda

netta. Jirrizulta wkoll mill-istess stqarrija illi qabel l-interrogazzjoni tieghu, huwa nghata s-solita twissija illi ma kienx obbligat illi jitkellem, imma dak li jghid seta' jingieb bhala prova. Jirrizulta wkoll illi fil-fatt l-imputat wiegeb ghad-domandi kollha li sarulu u fl-ahhar wara d-dikjarazzjoni fis-sens illi huwa ghamel l-istqarrija b'mod volontarju u ma giex imgieghel b'theddid jew biza', jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' xi vantaggi, u wara li qara l-istess stqarrija, huwa ghazel li jiffirmaha.

Ghalkemm id-difiza tirreferi ghall-istat mentali tal-imputat waqt l-interrogazzjoni tieghu u dan b'referenza ghax-xhieda tal-prosekuzzjoni, fil-fatt ma johrog xejn konkret mix-xhieda msemmija dwar l-istat tal-imputat f'dak il-waqt, hlief illi ma kienx vjolenti. Altrimenti jirrizultaw biss kongetturi minn dawn ix-xhieda, fis-sens illi jghidu dak li huma jahsbu li seta' kien l-istat tal-imputat fid-dawl tac-cirkustanzi ta' xi hadd li kien jinsab fil-posizzjoni tal-istess imputat. In oltre ma jirrizulta bl-ebda mod illi l-imputat gie trattat hazin waqt l-interrogatorju tieghu, kif donnha taghti x'tifhem id-difiza fit-trattazzjoni taghha.

Il-Qorti ezaminat is-sentenza msemmija mid-difiza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs omissis, Josef Agius u Kurt Mizzi**, f'liema sentenza l-Qorti tal-Appell Kriminali ghamlet referenza ghas-sentenza l-ohra msemmija mid-difiza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Azzopardi et,** kif ukoll ghas-sentenzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mark Lombardi** u **Il-Pulizija vs Esron Pullicino** li sa dakinhar, kienu ghadhom decizi biss mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali), fid-9 ta' Ottubru 2009 u fl-24 ta' Frar 2010 rispettivament. Fil-kaz ta' Agius u Mizzi, l-appellant Mizzi kien irrilaxxja zewg stqarrijiet – l-ewwel wahda ttiehdet fil-presenza tal-genituri tieghu, izda ghat-tieni wahda, l-genituri ma kinux prezenti u dan stante illi l-Ispettur Investigatur hass illi l-presenza tal-missier waqt l-interrogatorju, setghet kienet ta' detriment ghall-investigazzjoni. L-appellant ghalhekk kien sostna illi t-tieni stqarrija tieghu kellha tigi sfilzata, ghaliex saret fl-assenza tal-genituri tieghu u ma setghetx titqies bhala wahda volontarja. F'dak il-kaz, l-appellant Mizzi kien minuri ta' sittax-il sena u ma allegax li gie maltrattat. Din ma kinitx l-

ewwel okkazzjoni illi kien qed jigi investigat u ghalhekk l-ambjent li sab ruhu fih ma kienx stramb ghalih, izda kien ambjent li kien fih tal-inqas f'okkazzjoni ohra. Apparti dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti qieset ukoll illi mill-atti ma rrizultax illi quddiem l-ewwel Qorti saret xi kontestazzjoni dwar il-volontarjeta` tat-tieni stqarrija. L-appellant ma xehedx u ma kien hemm l-ebda allegazzjoni u lanqas ma rrizulta illi t-tieni stqarrija saret minnu "*sabiex ma jibqax arrestat*"[1]. Lanqas ma kien hemm allegazzjoni jew irrizulta illi ma kellux "*l-istat mentali li jippermettilu x-xelta libera ossija dik il-volontarjeta` li taghti valur probatorju ghal istqarrija*"[2]. Fl-ahharnett il-Qorti qieset ukoll illi waqt il-kontro-ezami tal-Ispettur, ma saritlu l-ebda mistoqsija li tista' tindika illi kienet qeghda tigi kontestata l-volontarjeta` tal-istqarrija. F'dawn ic-cirkostanzi, dik il-Qorti cahdet it-talba ghall-isfilz tal-istqarrija.

Fil-kaz odjern, l-imputat ma kienx minuri meta rrilaxxja l-istqarrija ghalkemm kellu dsatax-il sena u minkejja illi donnu qed jigi allegat li gie immaltrattat, dan ma jirrizulta bl-ebda mod mill-provi prodotti, kif fuq inghad. L-imputat ma xehedx u lanqas ma jirrizulta mill-atti jew saret xi allegazzjoni fis-sens illi huwa stqarr dak li stqarr semplicement sabiex ma jibqax arrestat. Dwar l-istat mentali tieghu, kif inghad, lanqas ma jirrizulta xejn specifiku, hlief ghall-eta` tieghu u l-fatt li ma kienx imdorri f'ambjent ta' interrogazzjoni. Anke jekk wiehed jikkoncedi illi l-imputat kien bezghan – kif wara kollox huwa mistenni li kien qed ihossu l-imputat f'dawk ic-cirkostanzi – m'hemm xejn fl-atti li jwassal lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi illi l-istqarrija tieghu ma kinitx wahda volontarja jew li l-imputat ammetta ghal dak li ma kienx minnu u dan b'mod partikolari fid-dawl tal-fatt illi x-xhieda tieghu giet korroborata mix-xhud Darren Esposito, kif ser jinghad izjed l'isfel.

Huwa minnu illi fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Tyrone Fenech**, deciza fit-22 ta' Frar 2013, u dan fir-rigward tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fi zmien meta

[1] Hawnhekk il-Qorti rreferiet ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Azzopardi et**, fuq citata.
[2] *Ibid*.

ma kellux id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju tieghu, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet illi Fenech, li kien ghadu kemm ghalaq dsatax-il sena meta rrilaxxja l-istqarrija, ghandu mnejn illi minhabba l-eta` tieghu, kellu dik il-vulnerabilita` tali li bhala konsegwenza taghha, seta' ghamel stqarrija a bazi ta' liema seta' jinstab hati meta fis-sewwa hati ma kienx. Fil-fehma ta' dik il-Qorti, l-ghajnuna ta' avukat f'sitwazzjonijiet bhal dawn isservi sabiex teghleb dik il-vulnerabilita` u biex taghti garanzija kontra kull abbuz fit-tehid tal-istqarrija u ghalhekk nuqqas ta' dik il-garanzija twassal ghall-ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.

Izda fis-sentenza taghha fl-ismijiet **<u>Charles Steven Muscat vs Avukat Generali</u>** deciza fit-8 ta' Ottubru 2012, il-Qorti Kostituzzjonali spjegat ukoll illi l-fatt wahdu li l-istqarrija tkun ittiehdet minghajr ma l-persuna arrestata jkollha access ghal avukat, mhux bizzejjed sabiex jista' jinghad li kien hemm ksur tad-dritt tas-smiegh xieraq. F'dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali qalet illi "*Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrih u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukut waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq u jekk inholoqx il-perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. <u>Jekk ma hemmx dan il-perikolu, mela ma hemmx ksur</u>*." (sottolinear mizjud)

Din il-Qorti tqis illi minkejja illi l-imputat seta' kien vulnerabbli minhabba l-eta` tieghu, konsiderando wkoll illi din kienet l-ewwel esperjenza tieghu ta' interrogazzjoni, ma hemmx il-perikolu illi huwa jista' jinstab hati meta fil-fatt m'ghandux hekk jinstab. Kif inghad izjed il'fuq, l-istqarrija tieghu hija fil-maggor parti korroborata mix-xhud Darren Esposito, b'tali mod illi anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss, il-Qorti kellha tiskarta l-istqarrija tal-imputat, xorta wahda tista' tasal ghall-konvinciment morali illi l-imputat huwa hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu mill-provi l-ohra li jirrizultaw mill-atti u cioe`

a bazi tax-xhieda moghtija mill-imsemmi Esposito. Kien ikun xort'ohra kieku din il-Qorti giet mitluba illi ssib htija a bazi <u>biss</u> tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat. Dan ir-ragunament isib konfort ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Deborah Osmond</u>**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013. F'dak il-kaz, l-ewwel Qorti strahet fuq il-gurisprudenza vigenti dak iz-zmien ossia **<u>Il-Pulizja vs Alvin Privitera</u>**, **<u>il-Pulizija vs Mark Lombardi</u>** u **<u>il-Pulizija vs Esron Pullicino</u>**, u ddikjarat illi n-nuqqas ta' assistenza legali kien leziv tad-dritt fundamentali tal-bniedem, kif sancit bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u peress illi ma rrizultawx xhieda ohra oltre din l-istqarrija, iddikjarat lill-appellata mhux hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha. L-Avukat Generali hassu aggravat b'din is-sentenza u interpona appell minnha. Fil-waqt illi rreferiet ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Charles Steven Muscat vs Avukat Generali</u>**, fuq citata, u ghall-bran mill-istess sentenza citat izjed 'il fuq, il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet tghid hekk:-

"*Jinghad mill-bidu nett illi ma hemm l-ebda prova li l-istqarrija hija vizzjata b'xi wahda minn dawn l-incidenzi,* [ossia bi vjolenza, qerq jew b'theddid] *ghalhekk il-Qorti trid tinvestiga jekk inholoqx il-periklu illi l-appellata setghet tinstab hatja meta ma kelliex hekk tinstab. Biex tghinha f'dan l-ezercizzju l-Qorti taghmel referenza ghall-kawza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali sede Ghawdex fit-18 ta' Gunju 2013 fl-ismijiet Il-Pulizija kontra Paul Cutajar fejn il-Qorti qalet, "Dwar dan l-ahhar ilment li l-istqarrija kellha tkun sfilzata 'l ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidu nett ta' l-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel referenza ghal decizjonijiet moghtija ricentament fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti rrilevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha twassal ghan-nullita` ta' l-istqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hix korroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabbli illi seta' facilment ikun impressjonat jew influwenzat mill-fatt illi kien qieghed jigi interrogat mill-pulizija*".

Il-Qorti ikkunsidrat illi f'dak il-kaz, il-prosekuzzjoni resqet bhala addebitu kontra l-appellata l-istqarrija biss peress illi ma kien hemm ebda xhieda ohra ma' liema setghet tikkorobora din l-istess stqarrija. L-appellata kienet tfajla ta' tmintax-il sena b'fedina penali nadifa li sabet ruhha arrestata mill-pulizija in konnessjoni ma' reat illi gie kommess minn haddiehor u kien biss waqt l-interrogazzjoni taghha illi ammettiet li kienet hadet id-droga *ecstasy* xi sena qabel. F'dawn ic-cirkostanzi u fin-nuqqas ta' korroborazzjoni permezz ta' xhieda ohra, il-Qorti kkonkludiet illi jkun perikoluz illi l-Qorti ssib htija fuq din il-prova biss.

*A contrario senso* ghalhekk fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz li ghandha quddiemha din il-Qorti, meta l-istqarrija tal-imputat hija korroborata bi provi ohra li tressqu mill-prosekuzzjoni, b'tali mod illi anke jekk il-Qorti kellha tiskarta l-istqarrija tal-imputat xorta wahda tirruzultalha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni l-htija tieghu minn dawn il-provi l-ohrajn, m'hemm l-ebda perikolu illi l-Qorti ssib htija fejn htija fil-fatt ma hemmx minhabba l-vulnerabilita` li seta' kellu l-imputat in vista tal-eta` tieghu. Ghaldaqstant, il-Qorti mhijiex sejra tiskarta l-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat.

Il-Qorti sejra ghalhekk tghaddi biex taghmel sintezi u tifli l-provi kollha li tressqu quddiemha.

**Ikkunsidrat:**

Fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2008, xehdet **Nadia Lanzon**[3] u pprezentat ir-rapport li kienet hejjiet hija stess fir-rigward ta' din l-investigazzjoni, liema rapport gie redatt minnha ftit wara l-istess investigazzjoni.

Mill-imsemmi rapport[4], jirrizulta *inter alia* illi waqt tfittxija li saret fuq grupp ta' zghazagh, gewwa l-bandli ta' Haz Zabbar fit-30 ta' Gunju 1995, instabu *inter alia* s-segwenti oggetti fuq is-segwenti individwi:-

[3] A fol. 9 sa 11 tal-process.
[4] Esebit a fol. 12 u 13 tal-process.

*1. A joint which was found upon the person of Darren Esposito, which joint had already been smoked and put off and which was found in this trouser pockets. On site Darren Esposito declared that the joint was his.*

*2. Two pieces of cannabis resin were found in possession of Melvin Demicoli, namely in his vehicle, Daihatsu coloured champagne registration no: HBB-628. One of these pieces was found on the dashboard, whilst the other was found in the door of the said vehicle. A search on his person yielded in the negative.*"

Stante illi fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2011[5], mizmuma quddiem din il-Qorti, kif diversament presjeduta, id-difiza iddikjarat illi ma kinitx qeghda tezenta lill-Qorti milli terga' tisma' l-provi li kienu gew prodotti f'din il-kawza sa dakinhar, l-istess Nadia Lanzon regghet xehdet fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2011[6]. Ir-rapport fuq imsemmi madankollu ma gie kontestat bl-ebda mod mid-difiza, tant illi fit-trattazzjoni taghha, id-difiza taghmel referenza ampja ghall-kontenut tal-istess rapport.

F'din is-seduta **Nadia Lanzon** xehdet illi dan il-kaz kien sehh fil-bandli ta' Haz Zabbar, fejn minn tfittxija instabu xi ammonti ta' droga *cannabis*. Ix-xhud qalet ukoll illi l-*cannabis* kienet assocjata mal-imputat. Ix-xhud giet murija l-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat. Hija gharfet li din kienet l-istqarrija illi kienet giet mehuda lill-imputat minnha stess fis-sena 2005 u dan wara li nghata s-solita twissija li kellu d-dritt illi ma jwegibx. Hija xehdet illi fuq mistoqsija taghha, l-imputat kien stqarr illi huwa kien ta l-i*smoke* lil Darren u li l-ohrajn gieli talbuh nifs minn *joint.* Hija gharfet il-firma taghha, il-firma tal-imputat u dik tax-xhud tal-istqarrija, fuq l-istess stqarrija.

In kontro-ezami, Nadia Lanzon xehdet illi l-istqarrija ttiehdet fl-1 ta' Lulju fis-2.20 p.m. u li jekk kienet tiftakar sewwa, l-arrest kien sehh matul il-lejl u cioe` fil-lejl ta' bejn

---

[5] Il-verbal ta' din is-seduta jinsab a fol. 33 tal-process.
[6] A fol. 50 sa 54 tal-process.

it-30 ta' Gunju u l-1 ta' Lulju. Mistoqsija jekk l-imputat kienx inghata d-dritt illi javza lill-familjari tieghu mal-mument tal-arrest, hija wiegbet illi ma kinitx prezenti fil-hin tal-arrest, izda illi kienet prassi normali illi l-familjari jigu nfurmati.
Ix-xhud qalet ukoll illi ma tiftakarx x'ordnijiet kienet tat fil-konfront tal-imputat. Mistoqsija jekk qabel l-interrogazzjoni tal-imputat, hija vverifikatx xi bniedem kien l-imputat, u cioe` jekk kienx midhla tal-Qorti jew tal-habs, hija qalet illi ma jidhrilhiex illi kienet ivverifikat dan, izda nvestigatu fuq l-affarijiet li nstabu. Qalet li l-imputat ma kienx aggressiv waqt li kienet qeghda tittiehed l-istqarrija, tiftakar biss li kien arrestat u ma kellhiex idea jekk il-familjari tal-imputat kinux hadulu xi ikel waqt li kien arrestat jew jekk kielx mid-*depot*.

Fl-istess seduta xehed ukoll **PC 1348 Joseph Campbell**[7] li qal illi fit-30 ta' Gunju 2005, waqt li kienu xoghol filghaxija u kienu ghaddejjin minn Haz Zabbar, innutaw vettura suspettuza, f'liema vettura kien hemm l-imputat u xi nies ohrajn. Fil-vettura kienet instabet xi raza tal-*cannabis*. Meta gie muri Dok. DT ossia s-sustanza esebita mill-prosekuzzjoni fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2009, ix-xhud gharaf din is-sustanza u qal illi l-vettura in kwistjoni kienet HBB 628 gewwa Haz Zabbar, hdejn il-bandli. Din is-sustanza nstabet minnu stess u minn PC 921 fil-presenza tal-imputat.

In kontro-ezami, mistoqsi x'kienet tfisser din is-sustanza ghalih, ix-xhud qal illi din kienet *cannabis* resin, illi minnha tohrog diversi *joints* u tirreferi ghall-persuna li jabbuza mill-*cannabis*.

Fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2011, xehed ukoll **PS 114 Massimo Persiano**[8]. Huwa gharaf l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fl-1 ta' Lulju 2005 fl-ufficju tal-Ispettur Nadia Lanzon, wara li nghatatlu s-solita twissija illi kellu d-dritt illi

---

[7] A fol. 39 sa 41 tal-process.
[8] A fol. 42 sa 46 tal-process. Dan ix-xhud kien diga` xehed fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2008 (a fol. 14 u 15 tal-process), izda stante illi d-difiza ma ezentatx lill-Qorti, kif diversament presjeduta, mill-terga' tisma' l-provi li kienu gew prodotti, dan ix-xhud gie riprodott in ezami mill-Prosekuzzjoni.

ma jwegibx u gharaf, fuq l-istess stqarrija, il-firma tieghu, dik tal-Ispettur Lanzon u dik tal-imputat. Dwar l-involviment tieghu fit-tfittxija li saret, ix-xhud qal illi kien ghadda z-zmien u ghalhekk ma kienx jiftakar, izda jaf li kienet saret *raid* gewwa Haz Zabbar u li kienet instabet xi *cannabis*.

In kontro-ezami, mistoqsi dwar l-istess *raid*, ix-xhud qal illi ma kienx jiftakar fejn saret din ir-*raid* ghaliex ghadda hafna zmien. Dwar l-istqarrija, mistoqsi jekk qabel bdiet l-interrogazzjoni, kienx gie verifikat jekk dan kienx bniedem li kien midhla tal-pulizija u jekk kinitx l-ewwel stqarrija tieghu, huwa wiegeb li ma kienx soltu li jsir hekk. Mistoqsi kienx inghata l-jedd li jcempel lill-familjari tieghu biex javzahom fejn qieghed, ix-xhud l-ewwel wiegeb illi ma kienx jaf, imbaghad xehed illi dan id-dritt kien jinghata lil min kien minuri. Huwa qal illi dak iz-zmien, meta kienet issir investigazzjoni, jekk il-bniedem li jkun qed jigi investigat ma kienx minuri, ma kienx jinghatalu dak id-dritt. Ix-xhud qal illi ma jiftakarx illi l-imputat kien vjolenti waqt l-interrogazzjoni u ma kienx jiftakar jekk kienx mahsud.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu fl-1 ta' Lulju 2005[9], l-imputat qal illi huwa ghandu vettura tal-marka Daihatsu bin-numru ta' registrazzjoni HBB 628. Huwa stqarr illi ma kellux problema tad-droga, izda gieli jpejjep l-i*smoke* ossia r-rezina tal-*cannabis* u kien ilu jpejjipha madwar xahar. L-imputat ikkonferma illi d-droga misjuba fil-vettura Daihatsu bin-numru ta' registrazzjoni HBB 628 – zewg bicciet ta' lewn kannella, wahda mil-liema kienet fil-bieba u l-ohra fuq id-*dashboard* – kienet tieghu u li din kienet *smoke* ossia droga[10]. Huwa stqarr illi kien xtara dik id-droga madwar gimgha jew hmistax qabel minn hdejn il-bandli. Huwa kien ghaddej minn hdejn il-bandli fil-ghodu, fejn ra lil persuna tixtri minghand persuna ohra u lil din tal-ahhar taghti lill-persuna l-ohra xi affarijiet. Hu mar biex jixtri u

---

[9] A fol. 5 sa 7 tal-process.

[10] Hawn irid jinghad ukoll illi fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2009, id-difiza ddikjarat illi ma kinitx qeghda tikkontesta n-natura tal-esebit, l-allegata droga, ipprezentata f'dik l-istess seduta mill-prosekuzzjoni. Fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2011, gie dikjarat ukoll illi d-difiza ma kinitx qeghda tikkontesta illi l-istess esebit kien jikkonsisti fir-raza tal-*cannabis* u ghalhekk il-prosekuzzjoni giet ezentata milli ggib prova dwar in-natura tal-esebit.

talab lil din il-persuna jekk kellux *smoke* u dan wiegbu fl-affermattiv. Dakinhar huwa xtara bicca ta' Lm10. Mistoqsi jiddeskrivi lil din il-persuna, l-imputat wiegeb illi ma kienx jafu u illi qatt ma kien rah gewwa Haz Zabbar, kellu fuq 20 sena, kien twil daqsu, ismar bhalu u kien liebes *shorts*. Kellu karozza hamra pero` ma kienx jaf l-ghamla jew in-numru taghha u qatt ma rah iktar, apparti dakinhar. L-imputat qal illi dik kienet l-ewwel darba li kien xtara d-droga u qabel kien jiehu xi nifsijiet minghand xi hbieb.

Mistoqsi jekk qatt kienx biegh xi *joints* lil xi hbieb tieghu jew nies ohra, huwa qal illi qatt ma biegh *joints,* izda gieli Darren li kien maghhom fil-jum ta' qabel, dan l-ahhar kien jitolbu bicca *smoke* biex jobromha u hu kien jaghtih bicca ghal *joint* u Darren gieli hallsu Lm1 ghaliha, pero` gieli ma zammlu xejn. Huwa qal li kien ta bicca *smoke* lil Darren biss. L-ohrajn gieli talbuh nifs minn *joint* u tahom bhal lil gharusa u lill-hbieb. Mistoqsi ta' min kien il-*joint* li nstab ghand Darren, l-imputat qal li dak kien tieghu u li huwa tah zewg nifsijiet. Dak il-hin li marru fuqhom il-pulizija, il-*joint* kien ghand Darren u baqa' ghandu u nstab ghandu.

Fis-seduta tas-27 ta' April 2012, xehed **Darren Esposito**[11]. Mistoqsi jghid x'kien gara f'Lulju 2005, ix-xhud qal illi kienu qeghdin l-bandli ta' Haz Zabbar u ddecidew li jiehdu xi *cannabis*. Il-Pulizija kienu ghamlu tfittxija fuqu u sabulu *joint* tar-raza tal-*cannabis*, liema *joint* huwa kien gabu minghand l-imputat. Huwa qal illi ma kienx hallas ghal dak il-*joint*. Mistoqsi jekk dakinhar kienx gie arrestat xi haddiehor li kien qieghed mieghu l-bandli, ix-xhud wiegeb illi kien hemm numru ta' nies. Mistoqsi kienx hemm l-imputat, ghall-ewwel ix-xhud wiegeb li ma jiftakarx u li jaf kien li kienu pejjpu flimkien ir-raza tal-*cannabis*. Meta gie suggerit lilu mill-Qorti illi la darba kienu pejjpu flimkien, allura l-imputat kien qieghed il-bandli maghhom, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv. Qal li ma jiftakarx jekk l-imputat kienx gie arrestat mieghu. Meta gew arrestati, kienu qeghdin il-bandli ta' Haz Zabbar. Mistoqsi jekk apparti l-*joint* li kien gab minghand l-imputat

[11] A fol. 59 sa 93 tal-process.

f'dik l-okkazzjoni, kienx hemm okkazzjonijiet ohra qabel dakinhar illi fihom "*hadt xi haga minghand xi hadd*", huwa wiegeb fin-negattiv. Meta rega' gie mistoqsi jekk kienx hemm xi okkazzjoni ohra fejn kellu xi *joint* iehor jew pejjep xi *joint* iehor qabel, huwa wiegeb li kienu jpejjpu flimkien. Mistoqsi sabiex iwiegeb fl-affermattiv jew fin-negattiv dwar jekk kienx hemm okkazzjonijiet ohrajn meta huwa pejjep *joint* tar-raza tal-*cannabis*, ix-xhud wiegeb fin-negattiv u li dik kienet l-ewwel darba li kien pejjep *joint* tal-*cannabis*. Wara li gie mwissi mill-Qorti li kien qieghed bil-gurament u li kellu jghid il-verita`, u wara illi rega' gie mistoqsi jekk kienx hemm okkazzjonijiet ohrajn fejn huwa pejjep *joint* tar-raza tal-*cannabis*, ix-xhud wiegeb illi gieli kienu jmorru hemmhekk u jiltaqghu bhala grupp, liema grupp kien jikkonsisti fi hmistax-il ruh. L-imputat kien jaghmel parti minn dan il-grupp. Mistoqsi jekk qabel dakinhar li l-pulizija qabduh b'*joint*, kienx hemm okkazzjonijiet ohrajn fejn huwa pejjep *joint* tar-raza tal-*cannabis*, huwa wiegeb fl-affermattiv u qal li d-droga li kienu jpejjpu flimkien, b'referenza ghall-grupp, kienet ir-raza tal-*cannabis.* Mistoqsi min kien igib din ir-raza tal-*cannabis*, huwa qal illi kienu jkunu grupp u li l-imputat kien ikollu *joint* u kien idawwru. Kien ikollu *joint* wiehed u dan kien idur bejniethom.

Mistoqsi x'kien ser jaghmel bil-*joint* li nstab fuqu, ix-xhud l-ewwel qal illi kien ser jarmieh, izda wara qal illi kieku ma gewx il-pulizija kien ser jibqa' jpejjpu. Kien ser jaghtih lil min imissu. Xehed illi l-imputat gieli tah zewg nifsijiet minn *joint* tar-raza tal-*cannabis* u li huwa qatt ma hallsu ghal dawn in-nifsijiet. Mistoqsi jekk qabel dik l-okkazzjoni, huwa kienx qatt xtara *joint* tar-raza tal-*cannabis* minghand l-imputat, u meta gie mfakkar illi dwar dan huwa kien irrilaxxja stqarrija, huwa qal illi dakinhar huwa kien ghadu tifel ta' 15-il sena u stante li kien inqabad b'*joint* kien beza'.

Meta rega' gie mistoqsi x'kien ser jaghmel bil-*joint* li sabulu l-pulizija, li kieku ma qabdux bih il-pulizija, ix-xhud qal illi kien ipejjpu u jarmih. Meta gie muri l-istqarrija rilaxxjata minnu, ix-xhud gharaf il-firma tieghu u ta' ommu.

Saret referenza ghall-parti tal-istqarrija li kienet giet rilaxxjata mix-xhud:-

“M: Int qatt xtrajt smoke jew resin tal-cannabis u minn fejn?

T: Jien gieli xtrajt smoke u meta xtrajt dejjem minghand Melvin. Jien gieli nixtri bicca smoke u gieli joint. Jien dejjem inhallas Lm1. Jien xtrajt minghandu xi 7 darbiet u dejjem hallas Lm1.

…

M: Meta titolbu lil Melvin ghal joint hu jkollu fuqu jew igib minn xi imkien?

T: Le qatt ma jkollu fuqu izda jmur igib minn xi mkien. Pero` jiena ma nafx minn fejn igib. Nghid ukoll li jiena qatt ma rajtu jrembel izda jgibu lest. Meta imur biex igibu qisu jdum xi kwarta.”

Mistoqsi darbtejn mill-Qorti dwar liema mill-verzjonijiet moghtija lilu kienet il-verita`, ix-xhud wiegeb illi dak li kien qal lill-Ispettur Lanzon ma kinitx il-verita` kollha. Huwa qal illi ma xtarax seba’ darbiet minghand l-imputat, izda “*forsi xtrajt xi darbtejn*”. Mistoqsi x’kien xtara, ix-xhud qal illi huwa kien xtara *joint* tar-raza tal-*cannabis* u li darba kien hallas Lm1. Huwa xehed illi l-imputat kien ilu jafu xi xahar. Ikkonferma wkoll illi apparti dik id-darba li nqabad mill-pulizija, huwa xtara f’okkazzjoni wahda. Mistoqsi ghalfejn kien qal illi kien xtara seba’ darbiet, ix-xhud wiegeb illi dak il-hin huwa beza’. Apparti l-*joint* tal-*cannabis*, huwa qatt ma xtara xi haga ohra mill-imputat.

In kontro-ezami, ix-xhud qal illi dak iz-zmien huwa kellu xi erbatax jew hmistax-il sena, kien gie arrestat filghaxija u qabel dakinhar qatt ma kien gie arrestat. Kien hemm madwar seba’ pulizija meta gie arrestat u li kienu marru ghall-gharrieda. Qal li kien bezghan u xxukkjat. Huwa ttiehed gewwa l-Ghassa ta’ Haz Zabbar u bejn li qaghad jistenna u gie mitkellem, dam madwar nofs siegha jew tliet kwarti. Ommu marret gewwa l-Ghassa wara xi kwarta u

stenniet mieghu. L-ewwel dahal wahdu u imbaghad sejjhu lil ommu. Wara li gie mitkellem, huwa mar id-dar u filghodu mar gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija sabiex jirrilaxxja stqarrija. Huwa wasal fid-9.00 a.m. u baqa' hemmhekk, akkumpanjat minn ommu, sakemm irrilaxxja l-istqarrija tieghu fis-2.20 p.m. Qal illi kemm ommu, kif ukoll missieru kienu rrabjati mieghu u bhala rizultat, huwa kien qed ihossu bezghan. Qal illi fil-bidu tal-interrogatorju tieghu, l-Ispettur Lanzon qaltlu li seta' jmur il-habs u hu beza' iktar. Beda jwiegeb ghal kull mistoqsija li saritlu ghax beda jibza' u qal dak li gie f'halqu. L-Ispettur fl-ebda hin ma qaltlu illi jekk huwa jikxef lil xi hadd, huwa ma jmurx il-habs.

Meta gie suggerit lilu illi l-*joint* li nstab fuqu dakinhar tal-arrest tieghu, kieku ma gewx il-pulizija, ma kienx ser ipejjpu wahdu izda flimkien ma' shabu, huwa wiegeb fl-affermattiv. Ikkonferma wkoll illi dan kien jinkludi wkoll lill-imputat. Meta gie suggerit lilu illi l-*joint* li huwa kien xtara minghand l-imputat bil-prezz ta' Lm1, kien ukoll intiz sabiex ipejjpu kulhadd flimkien, inkluz l-istess imputat, huwa rega' wiegeb fl-affermattiv. Meta gie suggerit lilu illi fid-drabi illi huwa u shabu kienu jiltaqghu, l-*joint* li kienu jdawwru bejniethom, daqqa kien ihallsu wiehed u daqqa l-iehor, huwa wiegeb illi "*jiena jekk xtrajt jiena indawwru*" u li l-hbieb li kien jaqsam maghhom kienu jinkludu wkoll lill-imputat.

Meta rega' gie mistoqsi dwar l-istqarrija, huwa qal illi ommu kienet hdejh matul l-interrogazzjoni tieghu u bdiet tghidlu sabiex jghid il-verita`. Qal ukoll illi l-Ispettur Lanzon kienet qeghda tkellmu b'ton normali.

In ri-ezami, meta rega' gie mistoqsi x'kien ghamel bil-*joint* meta huwa xtara minghand l-imputat, huwa qal li huwa xtara biex jaqsmuh bejn il-grupp. Meta rega' gie mistoqsi, x'kien ser jaghmel bil-*joint* dakinhar li gie arrestat, huwa qal li kien ser ipejjpu u x'hin jispicca jarmih. Mistoqsi ghaliex kien stqarr illi kien xtara seba' darbiet minghand l-imputat, waqt li fix-xhieda tieghu kien semma darbtejn, huwa qal li kien bezghan waqt l-istqarrija u li dak kien in-numru li gieh f'mohhu.

In kontro-ezami, meta rega' gie suggerit lilu illi l-*joint* li qabduh bih il-pulizija ma kienx ser ipejjpu wahdu izda flimkien ma' shabu u illi l-imputat kien wiehed minn shabu, huwa wiegeb fl-affermattiv u illi kienu ser idawwruh bejniethom, inkluz ghalhekk mal-imputat.

Mistoqsi mill-Qorti jekk dak iz-zmien huwa kienx ghadu l-iskola, l-imputat wiegeb fl-affermattiv u li l-flus li kien ikollu kienet taghtihomlu ommu. Mistoqsi kif kien jixtri *joint* bil-prezz ta' Lm1, meta bilkemm kien ikollu flus, u imbaghad kien jaqsmu bejn hmistax-il ruh, ix-xhud wiegeb li kulhadd kien jaghmel hekk. Qal illi gieli l-imputat kien jaghtih minn tieghu u "*imbaghad min jaghtik mhux taghtih?*". Mistoqsi mill-Qorti jekk kinitx id-drawwa taghhom li xi hadd johrog Lm1, huwa qal hekk: "*Jiena x'naghmel jien nista' nghid. Dan Lm1 joint u npejjep kemm irrid jien u imbaghad indawru*". Huwa rega' rrepeta illi huwa kien xtara darba bil-prezz ta' Lm1 u kkonferma, meta mistoqsi mill-Qorti illi fid-drabi l-ohra, huwa kien ha minghand shabu. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx minnu ghalhekk illi darba xtara bil-prezz ta' Lm1 u darba ma hallasx, huwa wiegeb fl-affermattiv u meta l-Qorti staqsietu "*Voldieri kien hemm darb'ohra li hadt joint minghand Melvin*", huwa rega' wiegeb fl-affermattiv. Huwa qal illi dan il-*joint* huwa kien dawwru wkoll.

Fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2012, xehed **l-Ispizjar Mario Mifsud** bhala xhud tad-difiza. Huwa qal illi kien ilu jinhatar bhala espert tal-Qorti f'kawzi relatati ma' droga ghal tletin sena u iktar. Huwa spjega kif isehh il-konsum tal-haxixa *cannabis* u dwar id-doza tipika ta' *joint*, kif ukoll dwar il-purita` medja ta' doza tipika. Dwar l-abbuz tal-*cannabis,* l-Ispizjar Mifsud spjega illi hija normali u hija kultura li *joint* tghaddih ossia li jigi *shared*. Huwa spjega illi jkunu grupp ta' nies, fejn xi hadd jaghmel *joint* u dan jigi mghoddi minn persuna ghall-ohra. Huwa qal illi hija tipika li *joint* jigi mdawwar bejn grupp ta' nies. Dan huwa tip ta' *habit* normali u hija kultura ta' din it-tip ta' droga anke gewwa Malta.

In kontro-ezami, ix-xhud qal illi normalment ix-xiri tas-sustanza jsir bil-fiducja fis-sens illi wiehed irid ikollu fiducja biex jixtri xi haga llegali, inkella ma jixtrix. Normalment il-bejjiegh u x-xerrej ikunu jafu lil xulxin. Jekk wiehed irid jaghmel *joint*, bilfors irid jixtri d-droga. Xi hadd irid ikun gabha u xtraha.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi jirrizulta mill-provi prodotti illi nhar it-30 ta' Gunju 2005, numru ta' pulizija ghamlu *raid* gewwa l-bandli ta' Haz Zabbar fejn kien hemm grupp ta' zghazagh. Minn fuq il-persuna ta' Darren Esposito gie elevat *joint* li kien diga` gie mpejjep, fil-waqt illi mill-vettura tal-imputat gew elevati zewg bicciet raza tal-*cannabis*. Fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jghid illi kemm il-bicciet tad-droga misjuba fil-vettura tieghu, kif ukoll il-*joint* li nstabet fuq il-persuna ta' Darren Esposito kienu tieghu. Dwar dan il-*joint*, l-imputat jghid, fl-istqarrija tieghu, illi mill-istess *joint*, huwa kien ta zewg nifsijiet lil Esposito u li dak il-hin li marru fuqhom il-pulizija, l-istess *joint* kien ghand Esposito u baqa' ghandu. Fix-xhieda tieghu, l-istess Esposito jikkorobora dan u jghid illi dak il-*joint* li nstab fuqu kien tal-imputat. Jghid ukoll illi ma kienx hallas ghal dak il-*joint*.

Mistoqsi x'kien ser jaghmel bil-*joint* li nstab fuqu, Esposito l-ewwel qal illi kien ser jarmieh, izda wara qal illi kieku ma gewx il-pulizija kien ser jibqa' jpejjpu u li kien ser jaghtih lil min imissu. In kontro-ezami meta gie suggerit lilu illi l-*joint* li nstab fuqu dakinhar tal-arrest tieghu, kieku ma gewx il-pulizija, ma kienx ser ipejjpu wahdu izda flimkien ma' shabu, huwa wiegeb fl-affermattiv. Ikkonferma wkoll illi dan kien jinkludi lill-imputat. Meta rega' gie mistoqsi in ri-ezami, x'kien ser jaghmel bil-*joint* dakinhar li gie arrestat, huwa qal li kien ser ipejjpu u x'hin jispicca jarmih. In kontro-ezami, meta rega' gie suggerit lilu illi l-*joint* li qabduh bih il-pulizija ma kienx ser ipejjpu wahdu izda flimkien ma' shabu u illi l-imputat kien wiehed minn shabu, huwa wiegeb fl-affermattiv u illi kienu ser idawwruh bejniethom, inkluz ghalhekk mal-imputat.

Kien x’kien ser jaghmel b’dak il-*joint* l-imputat li kieku gew il-pulizija, u cioe` jekk kienx ser jispiccah hu wahdu u jarmih jew ikompli jdawwru ma’ shabu mhuwiex daqstant relevanti ghal fini ta’ jekk il-fatti rizultanti kinux jammontaw ghal *trafficking by sharing*, kif wara kollox tissottometti d-difiza fit-trattazzjoni taghha. Jirrizulta illi dak il-*joint* partikolari li nstab fuq Esposito dakinhar tal-arrest tieghu u tal-imputat, kien tal-imputat u li huwa ghaddih lil Esposito sabiex ipejjep minnu. Dan jirrizulta car kemm mill-istqarrija tal-imputat kif ukoll mix-xhieda ta’ Esposito. Issa jekk Esposito kellux intenzjoni li jkompli jpejjpu wahdu u mbaghad jarmih jew inkella jkompli jdawwru ma’ shabu, dawn il-fatti xorta wahda jinkwadraw ruhhom fir-reat ta’ *trafficking by sharing*. Jidher ukoll kemm mill-istqarrija tal-imputat, kif ukoll mix-xhieda ta’ Esposito illi din ma kinitx l-ewwel darba illi fil-fatt l-imputat kien jiehu *joint* mieghu u jdawwru bejn shabu. U sa hawnhekk, ir-reat jibqa’ fil-parametri ta’ traffikar *by sharing*.

Madankollu mhux l-istess jista’ jinghad fir-rigward ta’ dawk l-okkazzjonijiet jew okkazzjoni fejn Esposito xtara *joint* jew bicca raza minghand l-imputat u hallas il-flus ghaliha. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi qatt ma biegh *joints*, izda Esposito gieli kien jitolbu bicca *smoke* biex jobromha, hu kien jaghtih bicca ghal *joint* u Darren gieli hallsu Lm1 ghaliha, pero` gieli ma zammlu xejn. Esposito, fix-xhieda tieghu, ghalkemm ghall-ewwel jichad illi pejjep il-*cannabis* f’okkazzjonijiet precedenti ghal dakinhar li huwa gie arrestat, u ghalkemm jipprova jaghti x’jifhem illi kienet f’okkazzjoni wahda biss illi huwa xtara *joint* minghand l-imputat – kuntrarjament ghal dak li jghid fl-istqarrija tieghu fejn semma’ li huwa xtara minghand l-imputat xi seba’ darbiet bil-prezz ta’ Lm1, kif jirrizulta mid-domandi li saru lilu in ezami u in ri-ezami meta gie mistoqsi ghaliex kien qal hekk fl-istqarrija rilaxxjata minnu – wara jghid illi apparti l-okkazzjoni li fiha kien inqabad mill-pulizija, gieli kienu jmorru l-bandli, jiltaqghu bhala grupp, kienu jpejjpu r-raza tal-*cannabis* u li l-imputat kien ikollu *joint* u kien idawwru. Jghid ukoll illi forsi xtara *joint* tar-raza tal-*cannabis* xi darbtejn minghand l-imputat u li hallas ghaliha darba bil-prezz ta’ Lm1. Mistoqsi ghalfejn kien qal illi kien xtara seba’ darbiet, ix-xhud wiegeb illi dak il-hin huwa

beza'. Meta gie suggerit lilu, in kontro-ezami, illi fid-drabi illi huwa u shabu kienu jiltaqghu, l-*joint* li kienu jdawwru bejniethom, daqqa kien ihallsu wiehed u daqqa l-iehor, huwa wiegeb illi "*jiena jekk xtrajt jiena indawwru*" u li l-hbieb li kien jaqsam maghhom kienu jinkludu wkoll lill-imputat. Meta gie mistoqsi mill-Qorti kif kien jixtri *joint* bil-prezz ta' Lm1, meta bilkemm kien ikollu flus, u imbaghad kien jaqsmu bejn hmistax-il ruh, Esposito wiegeb li kulhadd kien jaghmel hekk. Qal illi gieli l-imputat kien jaghtih minn tieghu u "*imbaghad min jaghtik mhux taghtih?*". Mistoqsi mill-Qorti jekk kinitx id-drawwa taghhom li xi hadd johrog Lm1, huwa qal hekk: "*Jiena x'naghmel jien nista' nghid. Dan Lm1 joint u npejjep kemm irrid jien u imbaghad indawru*".

Il-Qorti mhix sejra tidhol fil-kwistjoni ta' kemm il-darba Esposito xtara *joint* jew *cannabis* sabiex jaghmel *joint* minghand l-imputat u cioe` jekk kinux seba' darbiet jew darba. Esposito jghid illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu, huwa kien semma' seba' darbiet ghaliex dak kien in-numru li gieh f'mohhu dak il-hin, ghaliex kien bezghan. Issa apparti illi l-Qorti issibha ferm stramba li wiehed li jkun qed jibza' jaghti x'jifhem u jghid illi xtara droga f'tant okkazzjonijiet meta fil-fatt ikun xtara biss f'okkazzjoni wahda u ghalhekk jinkolpa ruhu fi grad akbar minflok jipprova jahbi u jaghti x'jifhem illi fil-fatt dawn l-okkazzjonijiet kienu inqas fin-numru milli attwalment ikunu, u apparti illi l-imputat stess fl-istqarrija tieghu jghid illi Esposito 'gieli' hallsu ghad-droga u 'gieli' ma zammlu xejn, li allura jimplika illi din grat f'izjed minn okkazzjoni wahda, li huwa zgur huwa illi kien hemm okkazzjoni li fiha Esposito hallas il-flus lill-imputat sabiex jaghtih *joint* (skond Esposito) jew bicca raza sabiex jaghmel *joint* (skond l-imputat). Il-Qorti tqis illi anke jekk Esposito, fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti, kien kemmxejn riluttanti fil-bidu u anke pprova jaghti x'jifhem illi ma kinux wisq l-okkazzjonijiet li fihom huwa pejjep il-*cannabis* ma' shabu tant illi ghall-ewwel jghid illi l-unika darba li pejjep il-*cannabis* kienet dakinhar tal-arrest tieghu, madankollu m'hemm xejn illi ghandu x'jaghti x'jifhem lill-Qorti illi ma kienx minnu illi kien hemm okkazzjoni li fiha huwa kien

hallas Lm1 lill-imputat ghal *joint* u f'dan ir-rigward, il-Qorti ssib ix-xhieda tieghu kredibbli.

Ta' relevenza in oltre huwa dak li jghid Esposito fir-rigward ta' din l-okkazzjoni li fiha huwa kien xtara minghand l-imputat.  Huwa jghid li huwa kien ipejjep kemm irid minnu, imbaghad kien idawwru u dan ghaliex skond hu, la darba shabu kienu jaghtuh minn taghhom, huwa kien jaqsam maghhom ukoll u dan l-istess ghall-imputat, fil-konfront ta' liema huwa qal illa la darba huwa kien jaghtih minn tieghu, huwa mbaghad kien jaghti wkoll lill-imputat.

Hawnhekk il-Qorti ser taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Marco Galea</u>**, deciza fil-5 ta' Mejju 2008, fejn il-Qorti fliet bir-reqqa l-elementi tac-cirkostanza ta' *sharing* kif ikkontemplat fl-ewwel proviso ghas-sub-artikolu (9) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.  Dik il-Qorti qalet hekk:

"*Is-subartikolu (9) in dizamina jipprovdi li ghar-reat, fost ohrajn, ta' bejgh jew traffikar ta' droga bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza ma jkunux applikabbli d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 21 (inzul taht il-minimu) u 28A (sentenza ta' prigunerija sospiza) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll lanqas ma jkunu applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation. Ir-rizultat ta' din il-projbizzjoni hi li fil-kaz ta' tali bejgh jew traffikar trid <u>dejjem</u> tigi applikata l-piena ta' prigunerija <u>u</u> ta' multa ghall-anqas fil-minimu taghhom – f'dan il-kaz, trattandosi ta' proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, il-minimu huwa ta' sitt xhur prigunerija u multa ta' Euro 465.87.  L-ewwel proviso ghal dan is-subartikolu gie introdott, kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza appellata, bl-Att XVI ta' l-2006, u jipprovdi hekk:*

***"Izda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-suabrtikolu, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont u x-xorta tal-medicina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-ghadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-Probation,***

***il-Qorti tkun tal-fehma li l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l-medicina f'dak l-istess post flimkien ma' ohrajn, il-Qorti tista' tiddeciedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu…"*** *(sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel proviso (fosthom l-ammont u x-xorta ta' medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma' ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem "flimkien" u "fl-istess post" jissottolineaw l-element ta' komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah "sharing" – jigifieri li dak li jkollu id-droga intiza ghalih jiddeciedi li jaqsamha ma' haddiehor f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe` jaqsamha ma' haddiehor – ikun qieghed jipprovdi ("supply" fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad-definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jitraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta' "sharing" – persuna jkollha d-droga ghaliha u taqsamha ma' haddiehor – tkun tista' (izda mhux bilfors – ghalhekk iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall-ewwel darba, il-piena mandatorja ta' prigunerija b'effett immedjat.*"

Issa, fil-kaz in dizamina, jidher illi fil-fatt kien hemm element ta' *sharing*, fis-sens normali ta' din il-kelma, da parti tax-xhud Esposito fir-rigward tad-droga li huwa xtara minghand l-imputat u dan kemm mal-istess imputat kif ukoll ma' shabu l-ohra tal-grupp. Madankollu huwa evidenti li ma jikkonkorrux l-elementi ta' traffikar by *sharing* kif trid il-ligi u kif spjegati fil-bran citat. Fis-sens tal-ligi, u kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza appena citata, sabiex japplika dan il-*proviso* irid ikun hemm cirkostanzi fejn "***dak li jkollu id-droga intiza ghalih jiddeciedi li jaqsamha ma' haddiehor f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess***". Issa

ghalkemm jista' jkun illi d-droga illi l-imputat kien ghadda lil Esposito bil-prezz ta' Lm1, kienet originarjament intiza ghalih, madankollu fil-mument li l-imputat biegh id-droga lil Esposito, din ma baqghetx hekk intiza, izda saret ta' Esposito, tant illi dan ix-xhud jghid illi huwa kien ipejjep kemm irid minn dan il-*joint* (ghaliex kien xtrah hu u kien tieghu) u mbaghad kien idawwru ma' shabu, inkluz mal-imputat, u dan ghaliex kemm l-imputat u shabu kienu jaghtuh minn taghhom. Huwa evidenti illi d-decizjoni ta' Esposito li jaqsamha ma' haddiehor, inkluz mal-istess imputat, kienet esklussivament tal-istess Esposito u mhux tal-imputat. Hawnhekk ic-cirkostanzi juru illi l-imputat kien biegh *joint* jew bicca raza tal-*cannabis* lil Esposito bil-prezz ta' Lm1, u li ghalhekk minn hemm il-quddiem, <u>id-droga kienet intiza ghal Esposito</u>, li kien jiddeciedi huwa stess, wara li kien ipejjep kemm jidhirlu hu minnu, illi jaqsamha mal-bqija tal-grupp u mal-imputat f'dak l-istess waqt li kien ikun qed jikkunsmaha huwa stess. Ghalhekk semmai ir-reat ta' *trafficking by sharing* kien jinkwadra fl-azzjoni ta' Esposito, izda mhux fl-azzjoni tal-imputat li forna lil Esposito b'dik id-droga. Fil-fehma ta' din il-Qorti tezisti distinzjoni cara bejn dawn ic-cirkostanzi appena msemmija u dawk fejn l-imputat kien joffri nifsijiet mill-*joint* tieghu stess lil Esposito, kif jidher li gara dakinhar tal-arrest in kwistjoni jew lill-membri l-ohrajn tal-grupp anke f'okkazzjonijiet ohra, fejn allura kien jinkwadra r-reat ta' *trafficking by sharing* da parti tal-imputat. Veru illi kif xehed l-Ispizjar Mario Mifsud, fl-abbuz tal-*cannabis*, tezisti l-kultura ta' *sharing* u dan anke lokalment, izda dan ma jnehhi xejn mill-fatt illi l-imputat kien fil-fatt traffika din id-droga, meta huwa bieghha lil Darren Esposito, kif inghad.

Hawnhekk il-Qorti qed taghmilha cara illi minkejja li l-istqarrija ta' Esposito giet esebita fl-atti ta' din il-kawza, il-Qorti ma strahet <u>bl-ebda mod</u> fuq din l-istqarrija, kif wara kollox ghandu jirrizulta mill-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti izjed 'il fuq, izda qaghdet esklussivament fuq dak li xehed l-istess Esposito quddiem il-Qorti, kif diversament presjeduta. Kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Victor Gauci</u>**, deciza fis-26 ta' Jannar 2001, "*Kif dejjem gie ritenut, in linea generali, bl-eccezzjoni ta' xi reati partikolari, meta tigi*

*esebita stqarrija ta’ xi xhud, bhal ma gara fil-kaz in ezami, dak li hemm f’dik l-istqarrija qatt ma ghandu valur probatorju izda jintuza biss ghall-fini tal-kontroll ta’ dak ix-xhud sabiex il-Qorti tkun tista’ tiddeciedi jekk dak ix-xhud hux kredibbli jew le f’dak li jkun qed jixhed quddiemha waqt il-proceduri u fil-presenza ta’ l-akkuzat. Jekk il-Qorti tasal sabiex ma temminx dak li x-xhud ikun qed jghid quddiemha, ma ghandhiex, b’daqshekk, tissostitwixxi dik ix-xhieda guramentata b’dak li x-xhud ikun qal fl-istqarrija tieghu mhux guramentata. Dik l-istqarrija tintuza biss, kif intqal, sabiex tigi kkontrollata l-kredibilita` tax-xhud, sabiex il-Qorti tara jekk dak li qed jixhed hux veritier jew le.*” U kien proprju dan li gara fil-kaz odjern, kif jirrizulta wkoll mix-xhieda ta’ Darren Esposito.

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat jirreferu ghax-xahar ta’ Gunju 2005 u x-xhur ta’ qabel din id-data. Jirrizulta illi r-*raid* gewwa l-bandli ta’ Haz Zabbar, fejn gie arrestat l-imputat, sehh fit-30 ta’ Gunju 2005. L-imputat, fl-istqarrija tieghu, jghid illi huwa kien beda jpejjep il-*cannabis* madwar xahar qabel u li l-unika darba li kien xtara droga kienet gimgha jew hmistax qabel. Esposito, fix-xhieda tieghu, jghid illi lill-imputat huwa kien ilu jaf xi xahar. Ghalhekk l-ewwel imputazzjoni tinkwadra fiz-zmien indikat, ossia x-xahar ta’ Gunju 2005, kemm ghal dak li huwa *trafficking by sharing*, kif ukoll ghal dak li huwa traffikar kif inghad izjed ‘il fuq. It-tieni imputazzjoni ta’ pussess semplici wkoll tinkwadra fiz-zmien indikat ghaliex apparti illi dan serva bhala mezz ghal fini sabiex seta’ jigi kommess ir-reat fl-ewwel imputazzjoni, irrizulta wkoll, kif inghad, illi l-imputat kien beda jpejjep ir-raza tal-*cannabis* xi xahar qabel ma gie arrestat, jigifieri ghall-habta ta’ Mejju tas-sena 2005.

Fir-rigward ta’ din it-tieni imputazzjoni, ma tantx hemm x’jinghad, fis-sens illi a bazi tax-xhieda ta’ Esposito, jirrizulta car illi l-imputat kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta tal-*cannabis* u dan f’izjed minn okkazzjoni wahda. In oltre apparti l-*joint* illi nstab fil-pussess ta’ Esposito dakinhar tal-arrest tieghu, li kien tal-imputat, kif ammess minnu stess fl-istqarrija tieghu u kif ikkonfermat ukoll minn Esposito fix-xhieda tieghu, jirrizulta

wkoll mill-istqarrija tal-imputat u kif ammetta huwa stess, illi r-raza li nstabet fil-vettura tieghu, kienet fil-fatt tieghu wkoll.

Ghaldaqstant, fid-dawl tal-premess, il-Qorti tqis illi l-prosekuzzjoni rnexxhiela tipprova sodisfacentement u lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, illi l-imputat huwa hati taz-zewg imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu.

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Piena**

Illi fl-ewwel lok, il-Qorti ser tikkunsidra s-sottomissjoni tad-difiza, fis-sens illi l-Ispettur Investigatur, minkejja li kellha informazzjoni dwar il-persuna li forniet lill-imputat, liema informazzjoni giet provduta mill-istess imputat – u tnizzlet ukoll fir-rapport redatt minnha u pprezentat f'dawn il-proceduri – baqghet m'ghamlet xejn dwar dan. Skond id-difiza, il-Qorti tista' tapplika l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta minn jeddha, u dan anke meta l-istess prosekuzzjoni ma tiddikjarax illi l-imputat ghandu jibbenefika mid-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu. Id-difiza ssottomettiet illi dan mhuwiex dritt illi l-ligi taghti lill-prosekuzzjoni, izda hija l-Qorti li ghandha tiddeciedi meta ghandha tapplika d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu. Fil-fehma tad-difiza, a bazi tar-rapport tal-Ispettur Nadia Lanzon, il-Qorti ghandha bizzejjed provi sabiex tapplika l-Artikolu 29 tal-Kap. 101.

Mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, jirrizulta illi meta l-imputat gie mistoqsi jekk kienx jaf il-persuna li minghandha kien xtara d-droga u sabiex jiddeskriviha, huwa qal hekk: "*Le ma nafux u nghid li qatt ma rajtu Haz-Zabbar. Dan kellu fuq l-20, twil daqsi, ismar bhali, bix-xaghar pero` ma niftakarx kif kienet u ma tantx kien jidher smart. Kien liebes shorts pero` ma niftakarx iktar. Kellu karozza kulur ahmar pero` ma nafx x'ghamla jew x'numru. Qatt ma rajtu iktar minn dakinhar*".[12]

[12] A fol. 6 tal-process.

Dak li qal l-imputat fl-istqarrija tieghu dwar il-persuna li fornietu bid-droga, gie mnizzel fir-rapport imhejji mill-Ispettur Nadia Lanzon.[13] Fl-istess rapport, Lanzon nizzlet ukoll is-segwenti:-

"*On a subsequent random inspection on the 18th July 2005 at approximately 09.45 p.m., at the playing field at Zabbar, the drug squad personnel surprised an individual who upon becoming aware of the presence of the police, concealed something in the bushes, which item was elevated by PC 1213 and which transpired to be a small piece of cannabis resin. The individual was accosted by PC 1213 and PC 102 and this individual immediately admitted that the piece of cannabis resin was his and that he had just hidden it upon seeing the police.*

*The suspect was the following:-*

*Joseph Farrugia, aged 36 years, son of Grezzju and Catherine born at Pieta` on 10.08.1969 and residing at 10, Sqaq il-Fatha, Triq il-Kapuccini, Zabbar and holder of ID Card no: 325269(M).*

*A search was effected in Farrugia's residence which resulted in the negative.*

*When spoken to by the undersigned, Farrugia, after being duly delivered of the caution, reiterated the same version, whereby he confirmed that the cannabis resin found hidden in the bushes was his and that he had just concealed it upon noticing the police. He averred that he had purchased it that same day a couple of hours earlier from an Arab whom he happened to encounter near the playing fields, and whose particulars he was ignorant of. He stated that he had been abusing of cannabis resin …*".

Ir-rapport jieqaf hemm u l-kumplament ma giex esebit.

Issa l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

---

[13] A fol. 13 tal-process.

"*Meta dwar persuna misjuba hatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, l-prosekuzzjoni tiddikjara fil-process li dik il-persuna tkun ghenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-medicina, jew il-persuna misjuba hatja kif intqal qabel tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk ghenet lill-Pulizija, il-piena titnaqqas, dwar prigunerija, bi grad wiehed jew tnejn, u dwar piena pekunjarja, b'terz jew b'nofs*".

Fil-kaz odjern, il-prosekuzzjoni m'ghamlitx din id-dikjarazzjoni u fil-fehma tal-Qorti, lanqas id-difiza ma rnexxielha tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti – u dan lanqas sal-grad tal-probabbli - illi l-imputat fil-fatt ghen lill-Pulizija sabiex taqbad lill-persuna li kien provdieh bid-droga.  Fil-fatt id-difiza fis-sottomissjonijiet taghha dwar dan il-punt, strahet esklussivament fuq ir-rapport ipprezentat minn Nadia Lanzon u ma ghamlet l-ebda tentattiv sabiex iggib xi prova f'dan ir-rigward, lanqas permezz tad-domandi taghha lill-istess Lanzon in kontro-ezami.  Kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-2 ta' Awwissu 2009, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sandro Mifsud**, "*biex persuna tibbenefika mir-riduzzjoni ta' grad jew tnejn fil-piena ta' prigunerija (u riduzzjoni ta' terz jew nofs fil-piena pekunjarja) skond l-imsemmi Artikolu 29 mhux bizzejjed li dak li jkun isemmi l-persuna minn ghand min ikun xtara d-droga; irid jirrizulta li b'dik l-informazzjoni l-akkuzat ikun effettivament ghen lill-pulizija sabiex taqbad lil dik il-persuna.  Jekk minkejja dik l-informazzjoni l-pulizija ma jkollhiex provi bizzejjed biex tressaq lill-persuna indikata l-qorti, jew jekk dik il-persuna indikata tkun diga` inqabdet mill-pulizija qabel ma tissemma mill-akkuzat, ma jkunx jista' jinghad li l-akkuzat ikun ghen lill-pulizija sabiex taqbad lil dik il-persuna. Altrimenti facilment jigri li, biex persuna tnaqqas mill-piena taghha, tibda ssemmi ismijiet ta' nies li jistghu jkunu innocenti, jew l-ismijiet ta' nies li tkun taf li diga` inqabdu in konnessjoni mal-bejgh ta' droga lilha*".

Issa f'dan il-kaz effettivament l-imputat lanqas biss semma l-persuna li minghandu xtara d-droga, ghaliex jghid illi ma kienx jafu u qatt ma kien rah qabel, izda

pprovda biss deskrizzjoni vaga u generika ta’ din il-persuna. Din l-informazzjoni zgur illi ma tinkwadrax ruhha fl-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 29 tal-Kap. 101. Apparti minn hekk kull ma jirrizulta mir-rapport tal-Ispettur Nadia Lanzon, huwa li ftit wara l-kaz odjern ossia fit-18 ta’ Lulju 2005 kienet intlemhet persuna, certu Joseph Farrugia, fil-bandli ta’ Haz Zabbar li ammetta illi r-raza tal-*cannabis* li giet misjuba f’xi haxix hemmhekk, kienet tieghu. Ma jirrizulta minn imkien mill-atti illi dan kien il-persuna li kien qieghed jirreferi ghalih l-imputat jew li din kienet il-persuna li effettivament forniet id-droga lill-imputat jew illi l-pulizija waslet ghal din il-persuna abbazi tal-informazzjoni li kienet giet moghtija mill-imputat li, kif diga` inghad kienet informazzjoni tassew generika u vaga, u lanqas illi din il-persuna tressqet il-qorti akkuzata bi traffikar tar-raza tal-*cannabis*. Kif inghad fis-sentenza fuq citata, lanqas meta, minkejja l-informazzjoni moghtija mill-hati, il-pulizija ma jkollhiex provi bizzejjed biex tressaq lil din il-persuna l-qorti ma jista’ jigi applikat dan l-artikolu, *multo magis* ghalhekk meta lanqas biss tinghata informazzjoni bizzejjed sabiex il-pulizija tkun tista’ tasal ghall-persuna specifika. Zgur illi f’dawn ic-cirkostanzi, ma jistax jinghad illi bl-informazzjoni li huwa ta lill-pulizija, l-imputat effettivament ghen lill-pulizija sabiex taqbad lil dik il-persuna li, wara kollox kif inghad, m’hemm l-ebda prova li kienet fil-fatt il-persuna li pprokurat id-droga lill-istess imputat.

Illi ghalhekk id-difiza m’ghandhiex ragun meta tghid illi l-Qorti ghandha bizzejjed provi quddiemha sabiex tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni min-naha l-wahda, l-fedina penali tal-imputat li fi zmien tar-reati in kwistjoni kienet wahda netta (il-prosekuzzjoni baqghet ma esebietx il-fedina penali aggornata tal-imputat), il-fatt illi huwa kkopera bis-shih mal-pulizija, kif jirrizulta wkoll mill-istqarrija tieghu, u l-fatt illi anke kif gie ddikjarat mill-prosekuzzjoni[14], id-droga misjuba fil-pussess

[14] Ara verbal tas-27 ta’ Marzu 2009, a fol. 16 tal-process.

tal-imputat kienet f'ammont minimu. Il-Qorti qieset ukoll it-trapass taz-zmien minn meta l-imputat ikkommetta r-reati in kwistjoni ossia fis-sena 2005, liema trapass ta' zmien ma kienx dovut minhabba xi dewmien zejjed jew inutli kkawzat mill-imputat f'dawn il-proceduri.

Min-naha l-ohra l-Qorti qieset ukoll illi l-imputat, ghalkemm ikkommetta f'izjed minn okkazzjoni wahda r-reat ta' traffikar tar-raza tal-*cannabis* li jista' jinkwadra ruhu fir-reat ta' *trafficking by sharing*, madankollu zgur illi f'okkazzjoni wahda tal-inqas, huwa kkommetta r-reat ta' traffikar tal-istess droga minghajr l-elementi tax-*sharing* fis-sens tal-ligi, kif spjegat izjed 'il fuq, u dan fil-konfront ta' guvni jew tifel li dak iz-zmien kellu biss hmistax-il sena.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni, ghal fini ta' piena, illi l-imputazzjoni (b) hija assorbita fl-imputazzjoni (a) ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan stante li din serviet bhala mezz ghall-fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ikkontemplat fl-istess imputazzjoni (a).

Il-Qorti kkunsidrat ukoll is-*social inquiry report* redatt mill-*Probation Officer* Miriam Sevasta fil-konfront tal-imputat, liema rapport gie pprezentat mill-istess Sevasta fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2009[15]. Hija pprezentat ukoll zewg *updates* ta' dan ir-rapport ossia wiehed datat 2 ta' Mejju 2011[16] u iehor datat 14 ta' Novembru 2011[17].

Mir-rapport originali, jirrizulta illi l-imputat kellu mpjieg fiss u stabbli, li minn dejjem kellu mpjieg u kien tifel biezel u li minn dakinhar huwa kien qata' l-kumpanija hazina li kien qed jaghmilha maghha fiz-zmien tar-reat u dahal f'relazzjoni stabbli. Mit-tieni u t-tielet rapporti jirrizulta illi l-imputat baqa' fl-istess impjieg, baqa' fl-istess relazzjoni u li l-*urine samples* li ttehdulu fid-29 ta' April 2011 u fl-10 ta' Novembru 2011 rispettivament, taw rizultati negattivi.

[15] Dan ir-rapport jinsab esebit a fol. 20 sa 27 tal-process.
[16] A fol. 36 tal-process.
[17] A fol. 49 tal-process.

Jidher ghalhekk illi dan kien perjodu qasir fil-hajja tal-imputat fejn zbalja u li minn dak iz-zmien, l-imputat gharaf l-izball tieghu u baqa' miexi fit-triq it-tajba.  Madankollu, l-imputat xorta jrid ihallas il-kontijiet mas-socjeta`, b'dan illi fic-cirkostanzi kollha hawn fuq spjegati, il-Qorti ser timponi l-minimu tal-piena applikabbli f'dan il-kaz.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(b), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u l-ewwel proviso ghall-Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939 u l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet (a) u (b) migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' **sitt xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' sitt mitt Euro (€600)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100).  L-ewwel pagament ghandu jsir mhux izjed tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data.  Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, Dokument DT, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------